# Fil-Qorti tal-Maġistrati (Malta)

## Bħala Qorti ta` Ġudikatura Kriminali

*Maġistrat*

*dottor Aaron M. Bugeja M.A. Law, LL.D. (melit)*

**Il-Pulizija**

**(Spettur Christopher Pullicino)**

**vs**

**Bernard Vella**

Il-Qorti:

Wara li rat l-imputatazzjonijiet fil-konfront ta' **Bernard Vella** numru tal-Karta tal-identita' 55979M fejn ġie mixli talli fix-xahar ta' Marzu 2013, f'dawn il-Gżejjer : -

1. Bil-mezz ta' kitba, sew jekk anonima kemm jekk tkun iffirmata bl-isem tiegħu innifsu jew b'isem maħluq, hedded lill-Onorevoli Jeffrey Pullicino Orlando, membru parlamentari u/jew lil ħaddieħor, b'delitt;
2. U aktar talli fl-istess data, ħin, lok u ċirkostanzi, bl-imġieba tiegħu ikkaġuna lill-Onorevoli Jeffrey Pullicino Orlando, membru parlamentari, u/jew lil ħaddieħor, biża li ser tintuża vjolenza

kontra tiegħu jew kontra l-proprjeta tiegħu jew kontra l-persuna jew il-proprjeta ta' xi ħadd mill-axxendenti, dixxendenti, aħwa subien jew bniet jew xi persuna msemmija fl-artikolu 222(1) tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta, meta kien jaf jew messu jkun jaf li l-imġieba tiegħu kienet se tikkaġuna lil xi ħadd ieħor hekk jibża kull darba minn dawk l-okkażjonijiet.

Rat li matul is-seduta tal-20 ta' Novembru 2013 l-Uffiċjal Prosekutur ikkonferma l-imputazzjonijiet bil-ġurament u matul il-kors tal-eżami tal-imputat skont l-Artikoli 392 u 370(4) tal-Kodiċi Kriminali l-istess imputat wieġeb li ma kellux oġġezzjoni li l-każ jigi trattat bi proċedura sommarja;

Rat il-kunsens tal-Avukat Ġenerali a fol 12 li permezz tiegħu iddikjara li kien qiegħed jagħti l-kunsens tiegħu sabiex dan il-każ jiġi trattat bi proċedura sommarja;

Rat li matul l-istess eżami tal-imputat ai termini tal-Artikolu 392(1) tal-Kodiċi Kriminali, l-imputat, debitament assistit mill-Avukat Antonio Depasquale tenna li ma kienx ħati tal-imputazzjonijiet miġjuba kontrih.

Rat id-dokumenti prodotti,

Rat u semgħet il-provi imresqin mill-Prosekuzzjoni;

Rat li matul is-seduta tas-27 ta' Ġunju 2014 Dottor Jeffrey Pullicino Orlando informa lil Qorti li minn naħa tiegħu kien jirrikonoxxi li dan il-każ seħħ fi żminijiet ta' kampanja elettorali fejn il-klima fil-pajjiż keient xi ftit jew wisq imqanqla u li kien jifhem ukoll li l-kummenti li saru mill-imputat kienu saru f'dan l-isfond. Dottor Pullicino Orlando ikkonferma wkoll li minn naħa tiegħu huwa kien lest li jirtira l-kwerela li huwa kien għamel kif ukoll li jirrinunzja għall-azzjoni kriminali sa fejn tali azzjoni kienet rinunzjabbli, kif ukoll iddikjara li huwa kien qiegħed jaħfer lill-imputat għall-kummenti li saru fil-konfront tiegħu. Inoltre, huwa saħaq ukoll li minn dak iż-żmien lil hawn ma kien hemm ebda inċident ieħor bejn l-imputat u l-istess xhud.

Rat li peress li dan il-proċediment kien meħud *ex officio*, il-Qorti ordnat it-tkomplija tal-proċeduri.

Rat ukoll li wara s-seduta tas-26 ta' Settembru 2014 il-Prosekuzzjoni ingħatat ħames seduti konsekuttivi sabiex tkun tista' tagħlaq bil-provi tagħha u minkejja d-diversi Komuniki li saru mill-Qorti għall-dan il-għan kif jirriżulta mill-verbali tas-seduti kollha, il-Prosekuzzjoni naqset milli tressaq aktar provi f'dan il-każ.[1]

[1] Ara l-verbal tas-seduti tas-26/09/2014, 7/11/2014, 19/01/2015, 02/03/2015, 06/05/2015, 03/06/2015.

Rat ukoll li matul is-seduta tat-3 ta' Ġunju 2015 il-Qorti, fid-dawl tan-nuqqas ripetut tal-Prosekuzzjoni milli tkompli tressaq provi f'dan il-każ iddikjarat l-istadju tal-provi tal-Prosekuzzjoni bħala magħluqa.

Semgħet it-trattazzjoni tal-partijiet.

***<u>Ikkunsidrat : -</u>***

Illi f'dan il-każ, il-Prosekuzzjoni addebitat lill-imputat żewġt imputazzjonijiet u ċjoe : -

(1) dik li titnissel mill-Artikolu 249(1) tal-Kodiċi Kriminali u

(2) dik li titnissel mill-Artikolu 251B tal-Kodiċi Kriminali.

1. **<u>Artikolu 249(1) tal-Kodiċi Kriminali – theddid bil-mezz tal-kitba.</u>**

Fil-parti l-aktar rilevanti għal dan il-każ, dan l-Artikolu jgħid hekk : -

> (1) Kull min bil-mezz ta' karta miktuba, sew jekk anonima kemm jekk tkun iffirmata bl-isem tiegħu nnifsu jew b'isem maħluq, jhedded lil ħaddieħor b'xi delitt, jeħel, meta jinsab ħati, il-piena ta' priġunerija minn xahar sa sitt xhur.

Issa f'dan il-każ ma hemmx dubju li l-kliem rivolt lejn Dottor Jeffrey Pullicino Orlando mill-imputat kien magħmul permezz tal-kitba. Dan jirriżulta kemm mid-dokumenti eżibiti kif ukoll ġie ammess mill-istess imputat fl-istqarrija tiegħu.

Li l-kliem rivolt lil Dottor Pullicino Orlando kien f'forma ta' theddid, jidher li ġie ammess ukoll mill-imputat meta fl-istqarrija jgħid hekk : -

> D. Naqblu li kien hemm ukoll kliem ta' theddid fejn stiedint lil Jeffrey Pullicino Orlando?
>
> R. Iva iva.
>
> ……
>
> D. Imma dan il-kliem baxx u hekk u hekk theddid sabiex tintaqa ma Jeffrey Pullicino Orlando, dan sar minnek u min fuq il-facebook tieghek?
>
> R. Iva

Il-kliem li jirriżulta li nkiteb mill-imputat (bil-pseudonimu "Ben Purplle") fil-konfront ta' Dottor Pullicino Orlando huwa s-segwenti : -

A fol 29 tal-proċess jingħad:

> **Ben Purplle** Pero issa trid issir xi haga.. Ghax jekk Dan waqqa il gvern.. Ahna ma nistawx inhalluh jahdem...irrodu naghlulu il beaten fir roti Kif ghamel hu.. Tradisxa lilna kollha.. Meta ivvutajnielu ghal gol partit... Issa irid jitlaq mix xena politica or we make him
>
> **Ben Purplle** The likes of JPO and FD have to disappear from the political scene.. I maybe a nobody but that's what they have become
>
> **Ben Purplle** A nobody
>
> **Ben Purplle** And Jeffrey I'm confronting u on a personal basis.. Should u ever wanna talk or face me.. I'm here

A fol 31 imbagħad jikteb

**Ben Purplle** Is it me or haven't you noticed.. Qas hadd ma qabez ghalih so far.. That's shows a lot

**Ben Purplle** Well said Pierre

**Ben Purplle** Lol

Għalkemm dawn il-posts ma humiex datati jidher li ġew magħmula fl-istess data huma mmarkati bħala li saru "yesterday" bejn id-09:03 u 13:19. Preżumibbilment din il-yesterday, meħuda fil-kuntest tal-e-mail mibgħuta minn Dottor Jeffrey Pullicino Orlando lill-Kummissarju tal-Pulizija ta' dak iż-żmien John Rizzo (a fol 26) kien allura jirreferi għad-data tal-14 ta' Marzu 2013.

Jidher pero li Dottor Jeffrey Pullicino Orlando kien beda jħossu urtat bil-kummenti ippostjati mill-imputat li kien qed juża l-psewdonimu "Ben Purplle" sa' mill-10 ta' Marzu 2013 16:43meta l-imputat fuq il-Facebook page ta' Lou Bondi fejn a fol 73 jirriżulta li l-imputat iddikjara : -

**Ben Purplle** Jpo.. Opening his mouth to sick red cock

**Ben Purplle** To suck red cock sorry..Haha

L-imputat jammetti l-paternita ta' dawn il-kummenti fl-istqarrija tiegħu meta huwa jtenni li : -

D. Tifatakar xi kliem uzajt biex turi rabja tieghek fil confront ta Jeffrey Pullicino Orlando?

> R. niftakar xi zewg affarijiet fejn jiena kont ghidtlu il kliem ' JPO suck red cock' u jiena kont qed nirreferi ghal meta kont rajt ir ritratt ta JPO jiekol 'Taco' u fuq l iehor niftakar li ktibt meta jien ghamilt abreviasion fuq JPO u ktibt li JPO – jien pufta ordnat. Kif ukoll li traditur dak kollox.

Dawn huma l-kummenti li jirriżultaw mill-proċess u li in bażi tagħhom il-Prosekuzzjoni qegħda ssejjes il-kawża tagħha.

***Ikkunsidrat : -***

Illi kwantu għal dak li jirrigwarda l-element ta' theddida, l-imputat kif diġa intqal jirrikonoxxi li dan kien kliem ta' theddid stante li għall-mistoqsija kif imsemmija aktar il-fuq huwa wieġeb fl-affermattiv. Biss il-kwistjoni kollha hawnhekk hija li t-theddida waħedha u in abstracto mhix suffiċjenti sabiex tintegra r-reat taħt dan l-Artikolu 249 tal-Kodiċi Kriminali. Din mhix it-theddida fil-forma kontravvenzjonali taħt l-Artikolu 339(1)(e) tal-Kodiċi Kriminali. Iżda hija theddida li teħtieġ element partikolari u ċjoe li minbarra li trid tkun bil-kitba u li l-kitba tkun tikkostitwixxi theddida, trid pero tikkostitwixxi theddida li ħaddieħor b'delitt. F'dan il-każ minn imkien ma jirriżulta li l-imputat hedded lil Dottor Jeffrey Pullicino Orlando b'delitt.

Il-kliem użat mill-imputat setgħu faċilment jitqiesu minn Dottor Jeffrey Pullicino Orlando bħala f'forma ta' theddida. Iżda jekk din it-theddida

tista' titqies bħala theddida skont kif kontemplat fl-Artikolu 339(1)(e) tal-Kodiċi Kriminali, jirriżulta mill-verbal tas-seduta kif ukoll riportat aktar il-fuq l-kwerelant, fil-Qorti u bil-miftuh għażel li jirtira l-kwerela, jirrinunzja għall-azzjoni penali u saħansitra ddikjara li kien qiegħed jaħfar lill-imputat. Kemm f'sens kemm f'ieħor, din il-Qorti ma tistax issib ħtija fl-imputat għar-rigward tal-ewwel imputazzjoni.

## 2. Meta oħrajn jibżgħu li se tintuża vjolenza kontrihom – Artikolu 251B tal-Kodiċi Kriminali

Dan l-Artikolu, fil-partijiet l-aktar rilevanti għal dan il-każ jgħid hekk : -

> **251B.** (1) Persuna li l-imġieba tagħha tikkaġuna lil ħaddieħor jibża' li se tintuża vjolenza kontrih jew kontra l-proprjetà tiegħu jew kontra l-persuna jew il-proprjetà ta' xi ħadd mill-axxendenti, dixxendenti, aħwa subien jew bniet jew xi persuna msemmija fl-artikolu 222(1) tkun ħatja ta' reat jekk hija tkun taf jew imissha tkun taf li l-imġieba tagħha se tikkaġuna lil xi ħadd ieħor hekk jibża' kull darba minn dawk l-okkażjonijiet, u tista' teħel il-piena ta' priġunerija għal żmien minn tliet xhur sa sitt xhur jew multa ta' mhux inqas minn erbat elef u sitt mija u tmienja u ħamsin euro u ħamsa u sebgħin ċenteżmu (4,658.75) u mhux iżjed minn ħdax-il elf u sitt mija u sitta u erbgħin euro u sebgħa u tmenin ċenteżmu (11,646.87), jew dik il-multa u priġunerija flimkien.
>
> (2) Għall-finijiet ta' dan l-artikolu, il-persuna li l-imġieba tagħha tkun waħda dubjuża jmissha tkun taf li tkun se tikkaġuna biża' f'ħaddieħor li ser tintuża vjolenza kontrih f'xi okkażjoni jekk persuna raġonevoli li jkollha l-istess informazzjoni kieku taħseb li dik l-imġieba tkun ser tikkaġuna biża' fil-persuna l-oħra f'dik lokkażjoni.

Kif intwera aktar il-fuq il-bidu ta' din il-kwistjoni taf lilha nnifisha fil-post ta' nhar l-10 ta' Marzu 2013 meta l-imputat jammetti li huwa qal kliem baxx u oxxen fil-konfront ta' Dottor Pullicino Orlando. Dan flimkien mal-kliem inġurjuż l-ieħor ammess mill-imputat anke fl-istqarrija tiegħu kellu jkun il-meritu ta' imputazzjonijiet appożiti u

separati minn dawk kontestati lill-imputat. Iżda l-Prosekuzzjoni jidher li għażlet li ma tixlix lill-imputat bihom.

Biss mill-banda l-oħra l-kliem li jista' jitqies li kien ta' theddid huwa dak li jidher li intqal nhar l-14 ta' Marzu 2013 u b'mod partikolari f'dik is-silta kwotata aktar il-fuq fejn l-imputat jgħid lill-Dottor Pullicino Orlando li "Jeffrey I'm confronting u on a personal basis.. Should u ever wanna talk or face me.. I'm here".

Mill-banda l-oħra l-kummenti l-oħra li għamel l-imputat (apparti dawk li kienu oxxeni u/jew inġurjużi fil-konfront ta' Dottor Pullicino Orlando) ma kienux in se u per se ta' theddida. Verament li kif jixhed Dottor Pullicino Orlando kienu kliem li donnhom kienu qegħdin jinstigaw xi ħaġa mhux daqstant ċara fil-konfront ta' Dottor Pullicino Orlando. Fil-fatt, l-imputat jgħid ċar biex isir xi ħaġa għaliex skontu ladarba Dottor Pullicino Orlando waqqa il-gvern huma ma setgħux iħalluh jaħdem u li riedu jagħmlulu l-bsaten fir-roti kif għamel hu għax skontu Dottor Pullicino Orlando kien tradixxa lilhom lkoll li kienu ivvutawlu għal Partit Nazzjonalista.

Iżda f'dan il-każ ebda instigazzjoni ta' reat ma ġie ipotizzat. U l-anqas ma jista' jingħad li b'dak li hemm pruvat li kiteb l-imputat fl-atti ġie istigat xi att ta' vjolenza kontra l-persuna jew il-proprjeta ta' Dottor Pullicino Orlando.

Inoltre, dawn il-kliem ta' instigazzjoni li jsir xi ħaġa u l-kliem li jista' jinftiehem bħala forma ta' theddida fil-forma kontravvenzjonali seħħew kollha fl-istess jum tal-14 ta' Marzu 2013 fi spazju ta' madwar erbgħa siegħat. Verament li qabel kien hemm kliem li jista' jitqies ingurjuż u li nkiteb qabel din id-data. Pero r-rabta bejn dan il-kliem ta' natura ingurjuża preċedenti u l-kliem klassifikabbli ta' theddid sussegwenti mhix tali li oġġettivament tista necessarjament tinstilla l-element tal-biża reklamata fl-Artikolu 251B(2) tal-Kodiċi Kriminali.

Inoltre, minbarra dan, fil-fehma tal-Qorti il-perjodu ta' żmien li laħaq għadda bejn il-*posts* ma kienx perjodu ta' żmien twil bizzejjed u l-frekwenza ta' posts pruvati f'dan il-kaz ma kienux magħmula bi frekwenza tali li jista' jitqies li jwassal għal xi forma ta' "course of conduct" li jnissel il-biża kif mistqarra fl-Artikolu 251B(1)(2) tal-Kodiċi Kriminali. Dan jingħad ukoll fil-kuntest li l-kliem inġurjuż kien sar fl-10 ta' Marzu 2013 u minn dan il-kliem oxxen u inġurjuż, għalkemm oġġezzjonabbli pero ma kienx juri bixriet vjolenti fit-termini tal-istess Artikolu hawn fuq ċitat.

Il-Qorti għalhekk tqis li l-Prosekuzzjoni naqset milli l-elementi kollha tar-reat kontestat fit-tieni imputazzjoni lil hinn minn kull dubju dettat mir-raġuni.

# *DECIDE*

Li għaldaqstant qegħda ssib lil **Bernard Vella mhux ħati** tal-imputazzjoni miġjuba kontra tiegħu u tilliberah minn kull ħtija u piena.

**Mogħtija illum l-24 ta' Frar 2016 fil-Qrati tal-Ġustizzja, Valletta.**

***Aaron M. Bugeja***

Sent/proċ reż somm/kont